**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR TA' L- ERBGHA, 31 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 887/01 AE**

**Equipment Hire Limited**

**Vs**

**Emanuel Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm124) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand is-socjeta attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx fis-seduti tas-26 ta' Ottubru 2001 u dik tal-31 ta' Ottubru 2001, kif ukoll ma kkontestax it-talba tas-socjeta attrici fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm124) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand is-socjeta attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Bl-imghax u bl-ispejjez (skond dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kif mitluba kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**